MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2008

Avviz Numru. 131/2008

**Atlas Insurance f'isimha proprju u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Foodfinders Limited abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi**

**Vs**

**Eurocargo Services Limited**.

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikorsipprezentat mis-socjeta attrici nhar it-tnax (12) ta' Marzu 2008 fejn l-istess socjeta attrici talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma komplessiva ta' erbat elef hames mija u sebgha euros u erbgha u tletin euro centesmi (Euro 4,507.34) ekwivalenti ghal LM1,935.00 rapprezentanti danni fil-merkanzija appartenenti lill-assigurata tas-socjeta rikorrenti u spejjez tas-survey relattiv, bhala s-socjeta nkarigata mit-trasport tal-merkanzija lejn Malta fuq il-bastiment MV Majestic fid-dsatax (19) ta' Marzu 2007,

liema danni diga thalsu mis-socjeta rikorrenti ai termini tal-polza relattiva.
Bl-imghax mit-tmienja w ghoxrin (28) ta' Gunju 2007 u bl-ispejjez kontra l-intimata li hija ngunta 'n subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta intimata prezentata fl-atti nhar l-ewwel (1) ta' Lulju 2008 fejn esponiet is-segwenti:-

1. Illi t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante illi s-socjeta intimata ma kienitx responsabbli ghall-ebda danni li allegatament gew kkagunati fil-konsenja li waslet Malta fuq il-bastiment MV Majestic fid-dsatax (19) ta' Marzu 2007.

2. Illi r-responsabilita ta' dina l-konsenja kienet effettivament f'idejn s-socjeta Attrans Limited w ghalhekk ikun opportun illi l-esponenti jikkjamaw fil-kawza lill-istess socjeta Attrans Limited, liema socjeta ghandha tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

3. Illi fi kwalunkwe kas is-socjeta rikorrenti ghandha ggib prova tad-danni li gew kkagunati fil-kunsenja li waslet Malta fuq il-bastiment MV Majestic fid-dsatax (19) ta' Marzu 2007.

4. Illi is-socjeta rikorrenti ghandha ggib prova tal-hlas effettiv li hija ghamlet lis-socjeta assikurata taghha Foodfinders Limited flimkien ma prova tas- surroga.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi.

Semghet lil **Brian Valenzia** jixhed fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Ottubru 2008 u jikkonferma li s-socjeta Foodfinders Limited effettivament kellha polza ta' sigurta maghha u dan sabiex tkopri konsenja ta' *spring rolls* u konsenja ohra ta' *muffins*. Ikkonferma li dawn il-konsenji t'ikel waslu f'temperatura hazina u l-prodott kellu jigi distrutt kollu. Ikkonferma li kien sar *survey* li gie esbit u mmarkat bhala Dok. CSH. Huwa esebixxa wkoll is-*subrogation form* li gie mmarkat bhala Dok. CSH 1, ittra mmarkata bhala Dok. CSH 2, numru t'*invoices* immarkati

bhala Dok. CSH 3 u dokument mahrug mill-Wasteserve li jindika li l-prodott in kwistjoni gie mormi, li gie mmarkat bhala Dok CSH 4. Ikkonferma wkoll li qabel ma fethu din il-kawza kienu kitbu lis-socjeta konvenuta izda baqghu bla risposta u kien ghalhekk li fethu l-kawza odjerna. Jghid ukoll li s-socjeta Attrans kienet lest li thallas ghax-xoghol kif del rsto jirrizulta mill-*e-mails* li esebixxa u li huma mmarkati bhala Dok. CSH 5. Stqarr li kienet is-socjeta konvenuta stess li kienet qabdet lis-socjeta Attrans bhala *sub contractors* taghha.

Rat in-nota t'ammissjoni tas-socjeta konvenuta kif prezentata l-Qorti waqt l-udjenza tal-hamsa w ghoxrin (25) ta' Novembru 2008 esebita fl-atti.

**Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li qieghda tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta qieghda tilqa it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-istess socjeta attrici is-somma ta' erbat elef hames mija u sebgha euros u erbgha u tletin euro centesmi (Euro 4,507.34) ekwivalenti ghal LM1,935.00 u dan ghar-ragunijiet imsemmija fir-rikors promotur.**

**Bl-ispejjez u bl-imghax skond il-ligi jithalsu mis-socjeta konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------